# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 623/2022 MS*

**Aircraft Handling Alliance Ltd, u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2023, Dr Alexandra Dimech ġiet awtorizzata tassumi l-atti f'isem l-attriċi bħala mandatarja speċjali tagħha**

**Vs.**

**Alliance Executive Jets Limited**

Illum, 28 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-14 ta' Lulju 2022, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi s-soċjeta' rikorrenti, Aircraft Handling Alliance Ltd ("**AHA**"), preċedentement magħrufa bħala Skylight Airport

Solutions Ltd, hija soċjeta' reġistrata f'Ċipru u liema soċjetà torganizza servizzi ta' *ground handling* f'ajruporti differenti, lil klijenti li joperaw titjiriet tal-ajru privati.

Bejn id-29 ta' Jannar 2018 u l-1 ta' Novembru 2018, AHA ġiet ingaġġata torganizza tali servizzi lis-soċjeta intimata, Alliance Executive Jets Limited ("**AEJ**"), preċedentement magħrufa bħala Orion Malta Ltd. Kull darba li AHA kienet tipprovdi dawn is-servizzi, AHA kienet toħroġ fattura fejn titlob il-ħlas dovut lilha. Tali talbiet għal-ħlas flimkient jammontaw għas-somma ta' ħamsa u sittin elf, ħames mija sebgħa u tmenin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€65,587.42)u dan kif jirriżulta mis-*statement* u mid-diversi fatturi hawn annessi u mmarkati bħala **Dok A** u **Dok B** rispettivament. Minkejja li AHA pprovdiet dawn is-servizzi, AEJ ħallset biss l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) (kif jirriżulta minn **Dok C**) u naqset milli tħallas il-bilanċ ta' wieħed u sittin elf, seba' mija sebgħa u tmenin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€61,787.82) u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni.

Minkejja diversi talbiet għall-ħlas u minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata b'permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Jannar 2022 (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok D**) kif ukoll b'permezz ta' ittra uffiċjali preżentata quddiem din l-Onor. Qorti fit- 30 ta' Marzu 2022 (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok E**), sa' llum il-ħlas baqa' sarx.

Għal dawn ir-raġunijiet, is-soċjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li tibda dawn il-proċeduri.

l-istess attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għall-ammont ta' €61,787.82;

(ii) Tordna lis-soċjeta intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €61,787.82.

Bl-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data tal-ħruġ ta' kull fattura sad-data tal-effettiv pagament kif ukoll bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1245/2022.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fil-31 t'Awwissu 2022[1], li permezz tagħha ġie eċċepit kif ġej:

[1] Fol.48.

> 1. Illi preliminarjament, l-attriċi jeħtiġilha ġġib prova illi Dmitri Prokopenko huwa tassew ir-rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpanija attriċi;
>
> 2. Illi preliminarjament ukoll, ladarba l-attriċi hija soċjetà registrata barra minn Malta, sabiex il-kawża minnha mibdija tkun tista' tkompli, jeħtiġilha taħtar mandatarju speċjali li, fost l-oħrajn, ikun jista' jippreżenta atti fil-Qorti, jilqa' n-notifika ta' atti mressqa mill-konvenuta u ordnijiet u digrieti tal-Qorti, u jidħol responsabbli għal spejjeż ġudizzjarji skont l-Artiklu 1005 tal-Kap 12;
>
> 3. Illi preliminarjament ukoll, l-attriċi jeħtiġilha ġġib prova li tassew hija l-istess soċjeta' preċedentement magħrufa bħala "Skylight Airport Solutions Limited" (kif jintqal fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf) u li hija sempliċiment biddlet isimha għal "Aircraft Handling Alliance". Dan qed jingħad għaliex minn riċerki mwettqa mill-konvenuta, jidher li l-kumpanija attriċi ġiet reġistrata mar-Reġistru Ċiprijott fit-2 ta' Lulju, 2019 bħala "Aircraft Handling Alliance" u dejjem baqgħet hekk magħrufa (Ara Dok AEJ 1). Jekk dan huwa l-każ, mela l-konvenuta teċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku u legitimazzjoni attiva tal-attriċi stante illi l-fatturi nħarġu minn entita' differenti mill-attriċi, f'data li tiġi qabel it-twaqqif tal-kumpanija attriċi;
>
> 4. Illi bla ħsara għas-suespost, u fil-mertu, il-konvenuta ssostni illi għajr għall-fattura ta' € 3,800 maħruġa minn Skylight Airport Solutions Ltd (mhux mill- attriċi) fid-29 ta' Jannar, 2018, liema fattura tħallset ftit taż-żmien wara, il-konvenuta sussegwentement ma rċeviet ebda waħda mill-fatturi l-oħrajn imsemmija mill-attriċi u ma jirriżultaliex illi hija rċeviet is-servizzi allegatament mogħtija;
>
> 5.Illi l-attriċi jeħtiġilha għalhekk iġġib prova kemm tas-servizzi allegatament mogħtija minnha kif ukoll tal-quantum pretiż minnha;
>
> 6. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża għall-kanonizazzjoni ta' kreditu li l-attriċi tgħid huwa dovut lilha għal servizzi ta' *ground handling* li hija prestat lill-konvenuta fuq inkarigu tagħha f'ajruport partikolari.

7. Il-Qorti sejra tirriassumi l-fatti rilevanti tal-każ kif ġej.

8. L-attriċi hija kumpanija nkorporata ġewwa Ċipru, li topera fis-settur tat-trasport fl-ajru billi twettaq servizzi ta' *ground handling* f'diversi ajruporti. Hija ssostni li pprovdiet dawn is-servizzi lill-konvenuta f'diversi xhur matul is-sena elfejn u tmintax (2018)[2], u l-uniku ħlas li rċeviet kienet is-somma ta' €3,800 fid-29 ta' Jannar 2018[3]. Hija ssostni li l-bilanċ tal-ħlas dovut lilha għal dawn is-servizzi jammonta għal €61,787.42[4]. Matul il-kawża, ġie spjegat li dawn is-servizzi ma jiġux prestati direttament mill-attriċi, li minflok tieħu ħsieb li torganizza u tipprokura dawk l-istess servizzi mingħand terzi għall-klijenti tagħha[5].

9. Waqt is-smigħ tal-kawża, l-attriċi eżebiet sensiela ta' dokumenti li hija tgħid li jirriflettu l-ordnijiet għas-servizzi tagħha mill-konvenuta[6]. Dawn id-dokumenti jinkludu ittri elettroniċi li ntbagħtu minn Andrey Dmitrichenko, Igor Chernov u ġieli persuni oħra, u bosta minnhom huma ndirizzati lil «Aviapartner». Fihom il-konvenuta, bl-isem preċedenti tagħha, hija ndikata bħala l-operatur u l-persuna li għandha tiġi fatturata għas-servizzi mitluba. Skont l-attriċi, il-konvenuta kienet tinkariga lill-kumpanija Clearway Handling & Operations SIA, li hija kumpanija reġistrata ġewwa Latvia, u kienet din il-kumpanija li mexxiet it-talba għal servizzi mill-konvenuta lill-kumpanija Aviapartner L.L.C[7], bi struzzjonijiet sabiex il-fattura tinħareġ fil-konfront tal-konvenuta[8]. F'erba' okkażjonijiet, il-konvenuta ffirmat *charge notes* li permezz tagħhom għarfet li s-servizzi kienu qed jingħataw lilha mill-attriċi[9].

---

[2] Fatturi eżebiti minn fol.13-42.
[3] Foll.12 u 43.
[4] Ara r-rendikont eżebit a fol.11.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dmitri Prokopenko, a fol.274.
[6] Ara, per eżempju, fol.78-83, 87-96, fost ħafna oħrajn.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dmitri Prokopenko, a fol.275.
[8] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Dmitri Prokopenko, a fol.628.
[9] Fol.287-290.

10. Skont ittra ffirmata minn Oxana Mikhaylova fit-22 ta' Settembru 2022[10], il-kumpanija Aviapartner L.L.C. hija l-provditur ta' servizzi ta' *ground handling* fl-ajruport ta' Ostafyevo, li huwa ndikat fil-kodiċi IATA bħala UUMO, u li huwa l-ajruport li fih ingħataw is-servizzi li dwarhom qed tfittex ħlas l-attriċi. Fl-istess ittra jingħad li l-kumpanija Aviapartner L.L.C. twettaq dawn is-servizzi f'isem l-attriċi. Fil-fatt irriżulta li dan il-ftehim bejn dawn iż-żewġ kumpaniji ilu jeżisti sa minn Jannar 2013[11]. Dan kollu ġie eventwalment ikkonfermat bix-xiehda bl-affidavit tal-istess Oxana Mikhaylova[12], kif ukoll mix-xhud Dmitri Prokopenko[13].

11. Huwa opportun li jingħad ukoll li mhux kontestat li l-konvenuta kien jisimha Orion (Malta) Ltd[14]. Madanakollu hemm kontestazzjoni dwar jekk l-attriċi kienx jisimha Skylight Airport Solutions Ltd (li hija l-kumpanija li f'isimha nħarġu l-fatturi li fuqhom l-attriċi tappoġġja l-azzjoni tagħha) jew inkella hijiex kumpanija differenti[15]. Mid-dokumenti eżebiti, jidher li l-kumpanija Skylight Airport Solutions Ltd kienet oriġinarjament inkorporata fil-ġurisdizzjoni tal-*British Virgin Islands*[16], u sussegwentement trasferita ġewwa Ċipru fejn isimha ġie mibdul għal dak tal-lum[17].

Ikkunsidrat:

12. Illi esposti l-fatti tal-każ, il-Qorti sejra tibda billi tqis uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

13. Fost l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta sabiex tilqa' għall-azzjoni tal-attriċi, hemm uħud li huma ta' natura dilatorja. Il-konvenuta teċċepixxi li l-attriċi għandha turi li Dmitri Prokopenko huwa tassew ir-rappreżentant legali u ġudizzjarju tagħha, kif ukoll li l-attriċi, la darba hija kumpanija estera, kienet mistennija li taħtar mandatarju speċjali sabiex tissokta b'din il-kawża.

---

[10] Fol.216.
[11] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Oxana Mikhaylova, a fol.646, u kopja tal-kuntratt eżebit a fol.648.
[12] Ara l-affidavit tagħha, a fol.586, u t-traduzzjoni a fol.590.
[13] Ara x-xiehda bl-affidavit tiegħu, a fol.274.
[14] Ara wkoll id-dokument eżebit a fol.286.
[15] Ara t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta.
[16] Fol.284.
[17] Fol.281.

14. Ġiet eżebita prokura li permezz tagħha, Dmitri Prokopenko ġie awtorizzat mill-attriċi biex iressaq atti ġudizzjarji f'isimha[18]. Għalhekk ġie ippruvat li fil-mument meta ġiet istitwita din il-kawża, Prokopenko kien debitament awtorizzat mill-attriċi sabiex jaħlef u jippreżenta atti ġudizzjarji f'isimha. F'kull każ, il-ġurisprudenza lokali dejjem żammet li mhux mogħti lill-kontro-parti li timpunja l-awtorità ta' persuna li taħlef atti ġudizzjarji f'isem il-parti l-oħra, billi l-eżistenza ta' dik l-awtorità hija *res inter alios acta* li tinteressa biss lill-mandant u lill-mandatarju. F'dan is-sens issir riferenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Joseph Borg noe vs. Accountant General et*** (16 ta' Frar 1993)[19], kif ukoll dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Perry Limited vs. Mary Rose Micallef*** (21 ta' Marzu 2004).

15. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

16. Dwar it-tieni eċċezzjoni, jingħad illi b'nota preżentata fit-18 t'Ottubru 2022[20], Alexandra Dimech assumiet l-atti f'isem l-attriċi bħala mandatarja speċjali tagħha. B'dikriet mogħti dakinhar stess, din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat l-eżibizzjoni ta' kopja legali tal-mandat mogħti mill-attriċi. Dan il-mandat ġie eżebit b'nota preżentata fis-16 ta' Novembru 2022[21], u kien għalhekk li fis-17 ta' Jannar 2023, din il-Qorti kif diversament presjeduta awtorizzat lil Alexandra Dimech tassumi l-atti f'isem l-attriċi[22].

17. Għalhekk din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża.

Ikkunsidrat:

18. Illi bit-tielet eċċezzjoni tagħha, l-konvenuta teċċepixxi li mhux minnu li l-attriċi hija l-istess kumpanija li qabel kienet iġġib l-isem ta' Skylight Airport Solutions Ltd. F'dan

[18] Fol.279.
[19] Kollezz. Vol.LXXVII.ii.238.
[20] Fol.69.
[21] Fol.582.
[22] Fol.584.

ir-rigward, l-attriċi eżebiet dokumenti biex turi kif hija rreġistrat ruħha f'Ċipru u li fit-2 ta' Lulju 2019, hija bidlet isimha minn Skylight Airport Solutions Ltd għal Aircraft Handling Alliance Ltd. Il-Qorti jidhrilha li d-dokumenti eżebiti mill-attriċi huma prova suffiċċjenti tal-fatt li l-attriċi hija l-istess kumpanija li qabel kienet teżisti bl-isem ta' Skylight Airport Solutions Ltd, u għalhekk din l-eċċezzjoni se tiġi wkoll miċħuda.

Ikkunsidrat:

19. Illi jonqos li jiġi kkunsidrat il-meritu tal-kawża.

20. Il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-meritu billi tosserva li huwa prinċipju stabbilit dak li jeżiġi li l-attur għandu dejjem jipprova l-premessi tal-azzjoni tiegħu, anki fin-nuqqas ta' eċċezzjoni formali mill-konvenut (ara f'dan is-sens ***Maria Debono et vs. Avukat Dr. Paolo Mercieca et noe et***, Appell Superjuri, 30 ta' Jannar 2004). Il-konvenut huwa mistenni biss li jipprova dawk il-fatti li huwa jinvoka bħala bażi tad-difiża tiegħu, kif jeżiġi l-prinċipju *reus in excipiendo, fit actor*.

21. Fil-każ odjern, m'hemmx dubju li l-attriċi ressqet provi biżżejjed sabiex turi li s-servizzi li hija qed tgħid li saru f'isimha mill-kumpanija Aviapartner L.L.C. effettivament ġew prestati. L-attriċi ressqet mhux biss rendikonti dettaljati li juru l-konsistenza tal-kreditu tagħha, imma eżebiet ukoll id-dokumenti kollha li jikkorraboraw dik il-konsistenza. Dawn il-provi ma ġew kontradetti b'ebda mod mill-konvenuta.

22. Fid-deċiżjoni ***John Peel nomine vs. Joseph Bezzina*** (Appell Inferjuri, 14 ta' Ġunju 2001) ġie osservat dan li ġej:

> Infatti, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-posizzjoni legali li kienet temerġi quddiem l-ewwel Qorti kienet li kien hemm kreditu pretiż redatt f'forma ta' statement li ġie konfermat bil-ġurament minn rappreżentant tas-soċjeta' attriċi bħala l-ammont dovut mill-konvenut u bħala ammont kalkolat korrettement, u min-naħa tal-konvenut ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-eżattezza ta' dik is-somma jew ta' l-ammonti ta' l-invoices li kienu jwasslu għal dik is-somma. Kien hemm biss l-allegazzjoni u l-eċċezzjoni tal-pagament. Mela l-posizzjoni legali quddiem l-ewwel Qorti ma kienetx tirrigwarda l-korrettezza o meno tas-somma ta' Lm300 jew

> inkella ta' l-istatement minnu nnifsu, jew inkella ta' l-invoices li qegħdin nitkellmu fuqhom imma dwar jekk l-allegazzjoni in linea ta' difiża da parti tal-konvenut li huwa kien ħallas l-ammont pretiż ta' Lm300 kienetx provata jew le, u l-prova tal-pagament kienet tispetta mhux lis-soċjeta' attriċi imma lill-konvenut.

23. Hekk ukoll, dwar il-valur probatorju ta' rendikonti eżebiti mill-attur kreditur, intqal hekk fid-deċiżjoni ***Prokuratur Legali Adrian Borg nomine vs. Alfred Fenech et noe et*** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru 2002): «*L-istatement tal-Bank kreditur, maħdum anke fl-interessi komposti, jidher in regola u ġie konfermat bil-ġurament; sakemm il-konvenut ma jindikax żbalji jew difetti fil-metodu tal-komputazzjoni, din il-Qorti m'għandhiex għax ma taċċettax dak l-istatement tal-Bank kreditur*». Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Vodafone Malta Limited vs. Mark Vella*** (Appell Inferjuri, 15 ta' Diċembru 2003).

24. Il-konvenuta ma kkontestat b'ebda mod il-korrettezza tar-rendikonti, tal-fatturi u tad-dokumenti voluminużi miġjuba mill-attriċi.

25. Jidher anzi li l-vera kontestazzjoni tal-konvenuta hija arġinata fuq il-fatt illi l-inkarigu lill-attriċi ma ngħata qatt mingħandha direttament, iżda mill-kumpanija Clearway Handling & Operations SIA, li hija kumpanija reġistrata ġewwa Latvia.

26. Issa l-liġi Maltija dwar il-mandat tgħid bl-aktar mod ċar illi l-mandant huwa vinkolat mill-atti magħmula mill-mandatarju f'ismu sakemm dawk l-atti ma jeċċedux il-limiti tas-setgħat mogħtija lil dak il-mandatarju. Fil-fatt l-artikolu 1880 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> (1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.
> (2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil.

27. Regola li hija espressament adottata anke fir-rappreżentanza f'materji kummerċjali, kif juri l-artikolu 50 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jgħid: «*L-atti kollha magħmulin mir-*

*rappreżentant għall-prinċipal, fil-limiti tas-setgħat tiegħu, iġibu direttament l-effett tagħhom favur jew kontra l-prinċipal*».

28. Huwa rilevanti wkoll l-artikolu 1868 tal-Kodiċi Ċivili:

> Meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil din il-persuna ingħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmijin, jista' jiġi magħmul minnha.

29. Fid-deċiżjoni ***Andrea Spiteri vs. A.I.Ċivili Edward Vassallo et*** (Prim'Awla, 21 ta' Jannar 1954)[23] ġie deċiż li arkitett inkarigat mill-klijent tiegħu b'rabta mas-superviżjoni ta' xogħol ta' bini kien awtorizzat jinkariga bennej f'isem l-istess klijent. L-istess dispożizzjoni tal-liġi għalhekk jidher li toħloq preżunzjoni fir-rigward tas-setgħat tal-mandatarju meta dan ikun jeżerċita l-iskop tal-mandat bħala l-professjoni jew ix-xogħol ordinarju tiegħu.

30. Mill-provi mressqa, irriżulta li l-inkarigu lill-attriċi ingħata mill-kumpanija Clearway Handling & Operations SIA f'isem il-konvenuta. Huwa evidenti wkoll li l-konvenuta nkarigat lil din il-kumpanija «*fil-kors ordinarju ... tax-xogħol tagħha*», u għalhekk huwa preżunt li din ingħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-mandat. Preżunzjoni li hija *iuris tantum* u tista' tingħeleb bil-prova ta' limitazzjonijiet espressi fis-setgħat mogħtija. Prova li però kellha ssir mill-konvenuta, u fil-każ odjern ma saritx. Kif lanqas ma saret il-prova li l-inkarigu li ngħata minn Clearway Handling & Operations SIA lill-attriċi (jew lill-aġent tagħha) ingħata mingħajr awtorità jew in eċċess tal-awtorità mogħtija lilha.

31. F'kull każ, irriżulta wkoll abbundantement li l-konvenuta għamlet użu mis-servizzi li ġew prestati fuq l-inkarigu mogħti mill-kumpanija Clearway Handling & Operations SIA f'isimha. Użu li jikkostitwixxi ratifika ta' dak magħmul minn din il-kumpanija f'isem l-istess konvenuta, u jwassal għalhekk anki għar-rabta fil-konfront tal-istess

[23] Kollezz. Vol.XXXVIII.ii.421.

konvenuta. Fid-deċiżjoni ***John La Rosa noe vs. Carmelo Galea*** (Appell Superjuri, 30 ta' Mejju 1958)[24] intqal:

> Skond l-art. 1982(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-mandant mhux obligat għal dak li l-mandatarju jagħmel barra l-limiti tas-setgħat li jkun tah, ħlief jekk hu jkun irratifika, espressament jew taċitament, dak l-għemil. Issa meta l-konvenut irċieva dik l-ittra tal-attur, hu ma setgħax ma ndunax li Carabott ma kienx osserva l-pattijiet li hu – kif jgħid – kien għamillu ... F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-inazzjoni u s-silenzju tiegħu għandhom fil-konfront tal-attur, jitqiesu bħala ratifika taċita da parti tiegħu ta' dak li kien għamel Carabott. Hija dottrina komuni illi f'ċerti ċirkustanzi anki s-sempliċi silenzju tal-mandant jista' jinduċi ratifika tal-operat tal-mandatarju, in bażi għall-prinċipju "qui tacet cum loqui potuit et debuit consentire videtur"

32. Il-Qorti tara ċirkostanzi kostitwenti tali ratifika mhux biss fl-aċċettazzjoni tas-servizzi prestati favur il-konvenuta wara nkarigu mogħti f'isimha mill-kumpanija mandatarja tagħha, iżda wkoll fil-fatt li, matul dawn il-prestazzjonijiet kollha, fl-ebda okkażjoni ma pprotestat ruħha għall-fatt li l-mandatarja tagħha kienet qed taġixxi bi ksur tal-mandat tagħha.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta billi ġiet sorvolata waqt il-kors tal-kawża;

(ii) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

(iii) tilqa' l-ewwel talba attriċi u b'hekk tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' wieħed u sittin elf seba' mija u sebgħa u tmenin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€61,787.82);

(iv) tilqa' t-tieni talba attriċi u b'hekk tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-ammont ta' wieħed u sittin elf seba' mija u sebgħa u tmenin Ewro u tnejn u

[24] Kollezz. Vol.XLII.i.344.

tmenin ċenteżmu (€61,787.82), u dan bl-imgħax legali kif mitlub fir-rikors ġuramentat;

(v) tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża kif ukoll tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 1245/2022.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur